MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' April, 2011

Numru. 782/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Tony Cachia**

**vs**

**Anthony Saliba**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Anthony Saliba ta’ 45 sena bin missier mhux maghruf u Marija Dolores Saliba, mwieled Ghawdex nhar l-20 ta’ Gunju 1965 u detentur tal-karta tal-identita’ numru 22365(G) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

(a) Fil-31 ta’ Awwissu 2010, ghall-habta ta’ 10pm gewwa l-fond St. Paul’s Court Flat 4, Triq il-Kbira, Zebbug minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Maria Esther Mifsud f’periklu car, ikkaguna ferita ta’ natura gravi

fuq il-persuna ta’ Maria Esther Mifsud skond kif iccertifika Dr. Mark Schembri mill-Isptar Mater Dei.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ htija, tipprovdi skond l-Art.383 et seq tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghas-sigurta ta’ Maria Esther Mifsud u biex skond l-art 412C tal-Kap. 9 tohrog ordni ta’ protezzjoni tal-persuna offiza u cioe ta’ Maria Esther Mifsud minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza’ ta’ vjolenza.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 9 ta’ Settembru 2010 (esebita a fol. 66 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(b)(2) u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(b) Fl-artikoli 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tat-23 ta’ Settembru 2010, l-imputat Anthony Saliba ddikjara li hu m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar is-7 ta’ April 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li il-partijiet irrikonciljaw il-pendenzi ta’ bejniethom u llum regghu qed jghixu flimkien kif ukoll ikkundirat il-fatt li l-Prosekuzzjoni u d-difiza jaqblu li n-natura tal-griehi kienet hafifa.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena(1) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------